MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 30/2012

**Doris Cauchi u b'nota ta' l-14 ta' Gunju 2012 l-Avukat Dottor Mario Scerri assuma l-atti tal-kawza ghall-imsiefra Doris Cauchi**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

Illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru mitejn u disghin tal-elf disa' mija u tnejn u hamsin (290/1952) – *anness u markat dokument A* – fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati : *'Ismijiet moghtijin'* u *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi*

*msejha',* isem ir-rikorrenti jinsab registrat u jidher bhala 'Mary Dolores';

Illi l-isem li bih effettivament uzat u ghadha tuza r-rikorrenti u li wzat ghaliha l-familja taghha sa mit-trobbija huwa ta' 'Doris' u mhux 'Mary Dolores'. Dan l-isem ta' 'Doris' huwa l-isem li bih ir-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u billi l-esponenti tgawdi minn cittadinanza doppja,dik Maltija u tal-Istati Unit ital-Amerika fejn tghix,dan l-isem huwa rifless fuq id-dokumenti kollha ufficjali mahruga minn dak il-pajjiz *(kopja tal-Passaport Amerikan bin-numru 436551790 validu sas-sena 2018, anness u market B);*

Illi l-isem ta' 'Mary Dolores' kif huwa registrat fl-att tat-twelid tar-rikorrenti jinsab rifless bl-istess mod fl-att taz-zwieg taghha numru erba' u tmenin tal-elf disa' mija u disgha u sittin (84/1969) – *anness u market C,* u wkoll fl-att tat-twelid ta' wliedha Binha Ronnie li jgib in-numru mitejn u sitta u hamsin tal-elf disa' mija u sebgha u sebghin (256/1977) – *anness u market D;*

Illi fl-istess att tat-twelid taghha fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier it-tarbija u l-omm fil-kolonna ntestata *'Isem u knjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet',* in-nannu patern tat-tarbija huwa ndikat b'mod skorrett bhala John meta ismu kien Arrigo filwaqt li n-nannu matern taghha huwa ndikat ukoll b'mod skorrett bhala Lewis meta ismu kien Luigi kif jirrziulta mill-att tat-twelid rispettiv taghhom bin-numri 387/1871 u 640/1885 – *annessi u markati E u F rispettivament;*

Illi r-rikorrenti permezz tat-talba taghha trid li l-isem fl-att tat-twelid taghha jigi registrat b'dak l-isem li hi wzat u li uzat ghaliha l-familja taghha, u li bih kienet konsistentement imsejha u cioe' 'Doris', minflok l-isem ta' 'Mary Dolores' li sallum jidher fl-att tat-twelid relattiv, u li dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess rikorrenti fosthom ghalkemm mhux limitatament ghall-att taz-zwieg numru 84/1969, u wkoll fl-att tat-twelid ta' binha Ronnie bin-numru 256/1977. Bl-istess talba li

qed taghmel trid ukoll li r-registrazzjoni fl-ismijiet tan-nanniet taghha fl-att tat-twelid fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier it-tarbija u l-omm jigu kkoreguti biex jaqraw 'Arrigo' minflok 'John' a rigward l-isem tan-nannu patern tat-tarbija, u 'Luigi' minflok 'Lewis' a rigward in-nannu matern tat-tarbija fil-kolonna ntestata 'Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet';

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti kienet konsistentement imsejha huwa ta' 'Doris' u mhux 'Mary Dolores', u li dan l-isem huwa l-isem li r-rikorrenti wzat u wzat ghaliha wkoll il-familja taghha;

2. konsegwentement tordna li dan l-isem ta' 'Doris' jigi registrat fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru mitejn u disghin tal-elf disa' mija u tnejn u hamsin (290/1952), u li dan it-tibdil effettwat fl-att tat-twelid taghha bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless ukoll f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess rikorrenti fosthom dak taz-zwieg bin-numru 84/1969, u wkoll jigi rifless fl-att tat-twelid tat-tifel taghha Ronnie li huwa registrat bin-numri 256/1977;

3. tordna wkoll il-korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha fuq imsemmi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier it-tarbija u l-omm fil-kolonna intestata '*Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet',* biex fejn l-isem tan-nannu patern huwa registrat bhala 'John' dan jigi kkoregut ghal 'Arrigo', u fejn l-isem tan-nannu matern huwa registrat bhala 'Lewis' dan jigi kkoregut ghal 'Luigi'.

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa ma joggezzjonax ghat-talbiet tar-rikorrenti salv illi r-rikorrenti ggib prova konvincenti illi hija dejjem kienet maghrufa bhala Doris u mhux Mari Dolores.

2. Illi l-esponenti ma ghandux ibati spejjez tal-prezenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-affidavits u anki mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li r-rikorrenti dejjem kienet maghrufa bhala Doris u dan huwa rifless ukoll fil-passaport Amerikan taghha. Inoltre' l-Qorti hija wkoll sodisfatta li n-nannu matern kien jismu Luigi mentri n-nannu patern kien jismu Arrigo u mhux John.

Tqis ukoll pero' li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa imputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u dan billi :

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti kienet konsistentement imsejha huwa ta' 'Doris' u mhux 'Mary Dolores', u li dan l-isem huwa l-isem li r-rikorrenti wzat u wzat ghaliha wkoll il-familja taghha;

2. Konsegwentement tordna li dan l-isem ta' 'Doris' jigi registrat fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru mitejn u disghin tal-elf disa' mija u tnejn u hamsin (290/1952), u li dan it-tibdil effettwat fl-att tat-twelid taghha bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless ukoll f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess rikorrenti fosthom dak taz-zwieg bin-numru 84/1969, u wkoll jigi rifless fl-att tat-twelid tat-tifel taghha Ronnie li huwa registrat bin-numri 256/1977;

3. Tordna wkoll il-korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha fuq imsemmi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier it-tarbija u l-omm fil-kolonna intestata '*Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet',* biex fejn l-isem tan-nannu patern huwa registrat bhala 'John' dan jigi kkoregut ghal 'Arrigo', u fejn l-isem tan-nannu matern huwa registrat bhala 'Lewis' dan jigi kkoregut ghal 'Luigi'.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------